# Teżori moħbija fil-Knisja Arċipretali tagħna

Joseph G. M. Borg

Qegħdin insejhulhom teżori ghax ta' valur artistiku ta' min jagħti kasu u moħbija għax ftit jafu bihom jew jagħtu kashom. Intant hemm qegħdin, lesti għall-attenzjoni tagħna...narawhom fir-Rotunda nnifisha jew inkella f'xi waħda miż-żewġ sagristijiet li għandha.

Immorru l-ewwelnett fis-Sagristija ta' fejn hemm l-artal ta' Santa Filomena. Fost il-kwadru ta' preġju artistiku li niltaqgħu magħhom hawn, insibu fost oħrajn kwadru żgħir li juri 'l San Ġwann l-Evanġelista f'waħda middehriet li kellu ġewwa l-gżira ta' Patmos. Qed iħares imgħaġġeb lejn is-sema jara '...mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna ta' tnax-il kewkba madwar rasha.' Għalkemm mhux iffirmat jidher ċar li hu xogħol tal-famuż pittur Malti Franceso Zahra, pittur tas-seklu 18. Ta' qabilna jgħidu li fl-okkażjoni talfesta ta' dan il-qaddis li tiġi nhar is-27 ta' Diċembru, dan il-kwadru kien jiġi espost għall-qima fuq l-artal ta' Santu Rokku, fejn oriġinarjament kellu postu fil-Knisja Parrokkjali l-qadima, dik ta' qabel ir-Rotunda.

Fuq l-istess faċċata ta' din is-sagristija hemm kwadru żgħir ieħor mill-isbaħ ta' għamla ovali. Dan hu dak ta' San Kalċidonju Martri. Hu attribwit lil Francesco Zahra wkoll. Fi spazju tassew żgħir, il-qaddis jidher minn sidru 'l fuq iżomm il-Kurċifiss, filwaqt li qed jiġi mmartirizzat, bil-monigoldi jxiddulu f'rasu elmu jikwi bin-nar. Ħafna minna għandhom jiftakru, għax m'ilux wisq, meta dan il-kwadru, kien jiġi espost għall-qima fuq l-artal tal-Kurċifiss nhar il-festa tiegħu fl-24 ta' Lulju.



Mhux 'il bogħod minnu, sewwasew fuq il-bieb li jagħti għall-Kor, naraw xogħol ieħor artistiku, kwadru ovali ġo gwarniċ rettangulari. B'sengħa pittorika u b'delikatezza kbira juri 'l Madonna bil-Bambin, minn qaddha 'l fuq, qed tagħti l-Labtu tal-Karmnu lil San Xmun Stock. Dan il-kwadru mhux daqstant moħbi għax narawh iżjed mit-tnejn l-oħra li semmejna. Ta' kull sena narawh espost għall-qima fuq l-artal tal-Madonna tar-Ružarju tul is-7 Erbgħat ta' wara l-Għid il-Kbir u nerġgħu narawh għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu nhar is-16 ta' Lulju. X'aktarx li huwa xogħol ta' artist Ruman. Jingħad li l-pittur famuż Ġużeppi Cali', kull meta kien ikun fostna kien jibqa' msaħħar wara dan il-kwadru.







*Santa Ċeċilja* *Sant' Agata*

Mill-kuritur li hemm 'l isfel minn dan il-kwadru, nidħlu fil-Kor. Inħarsu lejn l-artal sabiħ li darba kien l-artal maġġur tal-Knisja Parrokkjali l-qadima. F'nofs l-artal, sewwasew fuq il-bieba tat-Tabernaklu, naraw pittura ċkejkna fid-daqs imma xorta ta' min jagħti kasha. Hija xogħol il-pittur tas-seklu 18 Rokku Buhagiar. Din turina l-Qalb ta' Ġesu' f'poża mhix tas-soltu jurina l-Qalb Imqaddsa tiegħu li tant ħabbitna. Donnu qed jistedinna mmorru għandu moħbi fl-Ewkaristija.

## Fis-Sagristija ta' fejn hemm il-bomba

F'din is-sagristija niltaqgħu ma' tliet kwadri ta' valur artistiku mill-ikbar. Dawn kienu ngħataw lill-Knisja tagħna, fost kwadri u affarijiet oħra mill-Familja tal-Markiżi Mallia Tabone. L-ewwel wieħed fosthom huwa dak li juri 'l Kristu mejjet qed jiġi mniżżel mis-salib. Hemm min jattribwih lill-pittur magħruf Franċiż Antoine de Favray. Oħrajn huma tal-fehma li hu xogħol tal-Iskola ta' Mattia Preti. Wieħed kull naħa ta' dan il-kwadru jidhru żewġ kwadri oħra mill-isbaħ li juru 'l Santa Ċeċilja u 'l Sant' Agata...it-tnejn martri. Illum nafu li wara li sar ir-restawr professjonali fuq dawn iż-żewġ kwadri, sirna nafu li huma tal-pittur kbir Massimo Stanzione, imitatur mill-aqwa taċ-ċelebri Caravaggio. 'L isfel minn dawn it-tliet kwadri hemm il-kwadru ta' Marija Addolorata bi Kristu mejjet fi ħdanha, xogħol mill-aqwa ta' artist mhux magħruf tal-Iskola Ġenoviża tal-bidu tas-seklu 17. Dan kien ingħata lill-Knisja tagħna mill-Familja Gollcher.





# Kaxxarizzi u bankuni tal-Fratellanzi ta' min japprezzahom



Fiż-żewġ sagristiji niltaqgħu kemm ma' kaxxirizzi b'xogħol sabiħ fuqhom fl-injam kif ukoll ma' sett ta' erba' bankuni tal-Fratellanzi l-ġmiel tagħhom. Fis-sagristija ta' fejn jilbsu l-qassisin jitfaċċaw quddiemna l-kaxxirizzi tagħhom fejn iżommu l-abiti sagri tal-Qaddiesa u l-kalċijiet. Inkorporata magħhom tgħaddi filliera oħra ta' kaxxirizzi fuqhom fejn jintrefgħu s-sett tal-fjuretti s-sekondi. Imbagħad tgħaddi gwarniċa fuqhom imżejna bi skultura ħajja fl-injam u fin-nofs gwarniċ b'xogħol mill-isbaħ bi xbiha devota fih ta' Marija Addolorata tal-pittur Stefano Erardi. F'din l-istess sagristija hemm ukoll il-bankun tal-Fratellanza tal-Qalb ta' Ġesu' li jinsab sewwa sew fejn fuqu hemm il-pjanti ffirmati minn Grongnet li għamel għar-Rotunda tagħna.

Fis-sagristija l-oħra, ta' fejn hemm il-bomba hemm it-3 bankuni l-oħra tal-Fratellanzi tar-Rużarju, taċ-Cintura u ta' San Ġużepp li fihom jintrefgħu muzzetti, konfratiji, xemgħa u oġġetti oħra li jkollha kull Fratellanza. Sbieħ fihom infushom u għalhekk ta' min japprezzahom. Żgur li jibqgħu għalina tifkira tal-imgħoddi, meta l-fratellanzi kienu għadhom b'saħħithom u kienu għalhekk iżejnu qatigħ 'il ħafna purċissjonijiet li kellna fil-Parroċċa.





# Xogħol sabiħ fl-irħam moħbi għal ħafna minnha



Immorru issa fil-Knisja nnifisha u nidħlu fil-Kor. Hawnhekk nagħtu kas ftit tas-sbuħija tal-paviment li jiksi l-art t'hawn. Sabiħ fid-disinn, sabiħ fl-għażla tal-irħam li jiksih. B'dan kollu, peress li hu post maqtugħ għalih mill-bqija tal-Knisja, ftit jagħtu kasu. Huwa disinn tas-Sur Rafel Caruana Dingli, l-istess wieħed li ddisinja diversi opri artistiċi li għandha r-Rotunda. Sar fl-1906, għalhekk din is-sena qed jagħlaq 103 snin minn meta sar. Ħallsu għalih 24 mill-membri tal-Kleru li kellha l-Mosta dak iż-żmien. Isimhom jidher minqux fuq lapida f'nofs il-Kor.

Żewġ biċċiet xogħol sbieħ fl-irħam huma ż-żewġ medaljuni li jidhru fuq quddiem tal-mejda ta' kull wieħed miż-żewġ artali tal-Kurċifiss u tar-Rużarju. It-tnejn jidhru li kienu parti mill-artali l-qodma fil-Kappelluni tal-Knisja Parrokkjali l-antika. Fuq dak tal-Kurċifiss jidher il-Ħaruf bħala xbieha ta' Kristu, il-Ħaruf Divin maqtul għalina. Fuq dak tar-Rużarju naraw anġlu bilqiegħda fuq siġra jxerred il-ward minn fuqha...allegorija sabiħa għar-Rużarju Mqaddes, għax kull misteru li fih nikkontimplaw huwa bħal warda li flimkien jiffurmaw kullana ta' ward misterjuż offrut lill-Madonna. Interessanti hija l-iskrizzjoni Latina li hemm fi skudett ornamentali li jidher fuq dan il-medaljun. 'Inter caetera ligna paradisi Dei pulcherrimus in magnitudine sua' li fi lsienna tfisser: 'Fost il-bqija tas-siġar tal-ġnien t'Alla l-isbaħ fil-kobor tiegħu'. Kliem li għandu jfakkarna fis-sbuħija tat-talba tar-Rużarju fost talb ieħor.

Fost il-lapidi tal-irħam li jżejnu l-oqbra ta' dawk midfunin fihom insemmu biss l-isbaħ tlieta. L-ewwel waħda minnhom hija dik tal-Avukat Ġampatist Mfsud. Tinsab fil-Kappella ta' San Pawl għax dan l-avukat flimkien ma' uliedu kienu benefatturi ta' din il-Kappella. Mhux ta' b'xejn li fuq il-ġnub ta' l-artal tidher l-arma ta' Mifsud. Fuq il-lapida hemm ix-xbieha tal-Ġustizzja li tidher bħala mara mgħammda bilqiegħda żżomm f'idejha sejf u miżien. Xogħol mill-isbaħ ta' l-Aħwa Darmanin, marmisti msemmijin mill-Isla. Ta' min jgħid li l-magħruf statwarju Malti Karlu Darmanin kien wieħed minnhom. Beda jaħdem fl-irħam u spiċċa statwarju mill-aqwa, li tiegħu b'xorti tajba, aħna fil-Mosta għandna statwi mill-aqwa, speċjalment dawk tal-Ġimgħa l-Kbira.

Mill-Kappella ta' San Pawl immorru f'dik ta' San Ġużepp. Hawn insibu żewġ lapidi oħra li ta' min japprezzahom tassew. Huma xogħol ukoll ta' l-Aħwa Darmanin. Jinsabu t-tnejn fuq il-lemin ta' kif inħarsu lejn din il-Kappella. L-ewwel waħda fosthom turi 'l Salamun, is-Sultan għaref ta' Iżrael, għax proprju din il-lapida tfakkar lill-4 aħwa qassisin Chetcuti magħrufin għall-għerf li kellhom u fl-istess waqt benefatturi ta' din il-Kappella, billi tnejn minnhom li laħqu Monsinjuri ħallsu għat-tliet kwadri li naraw hawnhekk. Il-lapida l-oħra tfakkar lil ħuhom it-Tabib Danjel Chetcuti magħruf għall-karita' li kien juri mal-poplu fil-professjoni tiegħu, tant li din il-lapida turi appuntu x-xbiha allegorika tal-Karita'. Ismu jidher ukoll bħala benefattur fuq il-gandlieri tal-metall li jintramaw f'din il-Kappella.



Nagħlqu din il-kitba billi fl-aħħarnett insemmu statwa tal-irħam tassew sabiħa li tinsab litteralment kważi moħbija fil-kamra tal-'Lavabo' li hemm f'tarf il-kuritur li jgħaqqad iż-żewġ sagristijiet. Din tirrapreżenta lill-mexxej tal-poplu Lhudi Mose' li f'poża tassew dinjituża qed imiss bil-bastun tiegħu l-art, biex minnha joħroġ l-ilma u hekk jisqi l-poplu tiegħu. Għalkemm ftit jafu biha, qegħda tassew f'postha, għax tinsab fil-'Lavabo' fejn il-qassisin tagħna jistgħu jaħslu jdejhom qabel il-Quddiesa. Din l-istatwa tinsab fuq speċi ta' vaska ta' rħam griż u ilha żżejjen dal-post għal madwar dawn l-aħħar tmenin sena.

Il-festa wisq għażiża għalina ta' Sanat Marija li dalwaqt sejrin niċċelebraw tagħtina okkażjoni mill-isbaħ biex filwaqt li ninġabru ferħanin ġewwa r-Rotunda tagħna nitgħaxxqu fl-istess ħin b'tant opri sbieħ li missirijietna għamlu biex iżejnu dan is-Santwarju Marjan. Semmejna ftit mill-affarijiet sbieħ li għandna. Għandna iżjed. Nibżgħu għalihom u nitgħallmu napprezzawhom. Dan kollu hu wirt għażiż li ħallewlna missirijietna. Dmirna li nħarsuh.

***Riferenza***


1. Musta – Its Memories and Charms – Rev. Fr. Edgar W. Salamone, 1911
2. Tifkira għażiża ta' Dun Anġ. Camilleri madwar 30 sena Prokurtatur tal-Knisja tal-Mosta li miet fit-8 ta' Settembru 1927.
3. Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha – E.B. Vella u Oħrajn – Verżjoni riveduta tal-Oriġinal, 1930 u biż-żidiet sal-1984.
4. Mosta The Heart of Malta – Edited by Louis J. Scerri, 1996 – The Rotunda and Its Artistic Treasure – Gerald Bugeja, 1996.
5. Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda taghhom – Dr. George Cassar – Joseph G.M. Borg. Dawra madwar ir-Rotunda tal-Mosta. Taqsima 11, 2007.
6. Socjeta' Filarmonika Nicolo' Isouard – Mosta. Annwal 1994 – Lil min Ifakkru l-lapidi Sepolkrali li ghandna fir-Rotunda – Joseph G.M. Borg.
7. Socjeta' Filarmonika 15 t'Awwissu – Mosta. Annwal 2006 – Karlu Darmanin u x-Xogholijiet Tieghu ghar-Rotunda tal-Mosta - Joseph G.M. Borg.
8. Hajr ukoll lil Dun Pawl Sciberras tal-ghajnuna li tani fit-traduzzjoni mil-Latin ghall-Malti ta' dik l-iskrizzjoni li hemm fl-iskudett ta' fuq il-medaljun tal-Artal tar-Ruzarju.



